MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 881/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited**
**gia` Galdes and Mamo Limited**

**vs**

**Joseph Zammit**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta’ Jannar, 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta’ attrici talbet li l-konvenut ihallas Lm942.49c (disa’ mija u tnejn u erbghin lira Maltin u disgha w erbghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ poloz ta’ assigurazzjoni u spejjez konnessi ma’ l-

imsemmija poloz ta' assigurazzjoni mahruga lill-konvenut mis-socjeta' attrici.

Ra r-Risposta tal-konvenut illi qal li l-ammont pretiz mhux dovut.

Ra li gie pprezentat eccezzjoni ulterjuri fejn gie ddikjarat li:

"Ghal dak li jirrigwarda l-perjodu qabel l-4 ta' Settembru, 1996 huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili."

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li ghal xi zmien twil kellu assigurazzjoni mas-socjeta' attrici. Jghid li fl-1999, hu kien biegh in-negozju tieghu u kien personalment qal lil Galdes and Mamo sabiex jaghlaq l-*insurance*.

Jghid li wara li rcieva *cheque* ta' Lm350 (tlett mija u hamsin lira Maltin) bhala *refund* minghand is-socjeta' attrici, kien ircieva ittra mill-istess socjeta' fejn talbuh l-ammont pretiz f'dan l-Avviz. Kien avzhom kemm-il darba li ma kellux x'jaghtihom.

Jikkonferma li dejjem hallas bil-quddiem bl-i*standing order* u qabel m'ghalaq il-kont qatt ma rcieva xi ittra minghand is-socjeta' attrici fejn ghandu jaghti xi flus. Jghid li lanqas il-bank qatt ma nfurmawh illi kien hemm xi ittra minghand l-istess socjeta' attrici dwar xi pendenzi.

Ra x-xhieda ta' Eliseo Fenech li huwa Credit Controller mas-socjeta' attrici fejn jghid illi l-ammont li qieghda titlob is-socjeta' attrici m'huwiex ta' sena izda ta' diversi snin. Jikkonferma li l-konvenut kien ihallas bl-i*standing orders* u fis-sena 1993, l-istess konvenut kien zied assigurazzjoni fuq id-dar tieghu kif ukoll kienu dahlu *Government duties* fuq il-poloz fl-1994 u ghalhekk l-i*standing orders* ma kienux bizzejjed sabiex ikopru l-ammont kollu dovut.

Jghid illi meta saru r-*renewals* f'Mejju 1999 il-konvenut kien waqqaf l-i*standing orders* billi kien ser ibiegh il-kumpanija u kien ghad fadal bilanc ta' Lm484.88c (erba' mija w erbgha u tmenin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu). Fl-1999 jghid illi l-konvenut informa lis-socjeta' attrici sabiex iwaqqaf il-poloz u l-ammont kien telghalu ghal Lm942.49c (disa' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u disgha w erbghin centezmu). Jikkonferma li s-socjeta' kienet baghtitlu *refund* mill-ahhar ta' Lulju sa meta skadew il-poloz ta' Lm356.30c (tlett mija u sitta u hamsin lira Maltin u tletin centezmu). L-ammont ta' Lm942.49c (disa' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u disgha w erbghin centezmu) huwa l-ammont tal-perjodu qabel ma gie kkancellat u l-ammont li l-konvenut kellu jaghti qabel.

Ra x-xhieda ta' l-istess Eliseo Fenech fejn jghid li l-i*standing orders* tal-konvenut apparti li baqghu dejjem bl-istess ammont, kienu qabzu tlieta minnhom.

Illi s-socjeta' attrici ssostni li l-konvenut kellu *account current* u ghalhekk ma jistax jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' hames snin fuq l-ammonti dovuti ghal qabel 1996. Is-socjeta' attrici ssostni wkoll li huwa l-konvenut li ghandu jipprova li l-pagament sar.

Il-konvenut ma jaqbilx li kien hemm *account current* ghaliex isostni sabiex ikun hemm *account current* irid ikun hemm ammissjoni ta' l-ammont dovut da parti tal-konvenut. Illi l-konvenut zied qal li wara li rcieva r-*refund* ma zammx iktar provi tal-pagamenti u dokumenti.

Mill-i*statement* MZM1 jirrizulta li l-konvenut kellu diversi poloz u s-socjeta' attrici kienet tircievi l-pagamenti li jirrizultaw mill-istess *statement*. Illi l-ahhar pagament kien fi Frar 1999. Illi l-kawza gietipprezentata fil-4 ta' Settembru, 2001 u notifikat fit-12 ta' Settembru, 2001.

Illi ma jirrizulta li ma kien hemm ebda accettazzjoni li l-kontijiet kienu approvati mill-konvenut. Il-konvenut kien ihallas l-ammonti. Is-socjeta' attrici qieghda tallega li l-konvenut m'ghamilx certi pagamenti u ma hallasx il-boll.

Illi skond l-Artikolu 264 tal-Kodici tal-Kummerc hemm *account current* meta:

“Two persons covenant that their mutual remittances be entered in an account as items of debit and credit, subject to the obligation of the party against whom a balance is found at the time the account is wound up to pay such balance.”

Illi s-socjeta’ attrici li tallega li kien hemm *account current* kellha tipprova li z-zewg partijiet kienu qablu li “<u>mutual remittances be entered in an account as items of debit and credit”</u>. Illi jidher li s-socjeta’ attrici kienet izzomm *account* ta’ l-ammonti dovuti lilha izda ma kienx hemm pagamenti mis-socjeta’ attrici fl-istess kont.

Ghalhekk dawk il-*premiums* iktar minn hames snin qabel il-prezentata tal-kawza huma preskritti. Ghalhekk l-ammont dovut huwa kif gej:

| | |
|---|---|
| **Awissu 1996** | **Lm103.55c** |
| **1999 u 2000** | **Lm457.69c** |
| | |
| **Ammont Totali** | **<u>Lm561.24c</u>** |

Ghalhekk jilqa’ in parte r-Risposta tal-konvenut u jiddikjara li t-talba attrici hija in parte preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Lm561.24c (hames mija u wiehed u sittin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti prezz ta’ poloz ta’ assigurazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut. Bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz (12 ta’ Settembru, 2001).”

Il-konvenut appella minn din is-sentenza b’ dawn l-ilmenti:-

(i) Gjaladarba t-Tribunal akkolja l-preskrizzjoni kwinkwennali eccepita huwa kellu mbaghad jissottratta

mill-ammont reklamat is-somma ta' Lm103.55, *premium* relattiv ghall-perijodu ta' Awissu 1996;

(ii) Una volta kien hemm akkoljiment, safejn applikabbli, ta' l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni, it-Tribunal ma messux addossalu l-ispejjez kollha tal-kawza;

(iii) It-Tribunal ma setax jilqa' t-talba attrici ghal Lm356.30, li jinghad li kienet inghatat bi zball lilu. Huwa jissottometti f' dan il-kuntest illi s-socjeta` attrici ma ghamlet ebda talba ghar-rifuzjoni ghab-bazi ta' hlas indebitu;

Similment bhall-konvenut, is-socjeta` assiguratrici attrici wkoll tikkontesta s-sentenza appellata tat-Tribunal billi, permezz ta' appell incidentali, tikkontendi li d-decizjoni dwar li l-krediti ta' qabel l-4 ta' Settembru 1996 huma preskritti hi wahda zbaljata. In succint, tissottometti dawn ir-ragunijiet:-

(1) Kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni minhabba l-pagamenti akkont li ghamel il-konvenut fil-kors ta' l-*ongoing business*;

(2) Meta l-konvenut acceda fl-ufficini taghha f' Mejju 1999 dan ghamlu bil-hsieb li jissalda l-kontijiet pendenti. Ghas-socjeta` attrici dan il-fatt kien jammonta ghall-accettazzjoni u rikonoxximent tal-kreditu;

(3) Ankorke kellha din il-Qorti ssib gustifikazzjoni ghal preskrizzjoni eccepita, id-dekorriment taghha ghandu jigi kalkolat mhux mid-data tal-proponiment tal-kawza izda *se mai* miz-zjara ta' Mejju 1999 fl-ufficini taghha ghax kien hemm li l-konvenut accetta li kien ghad hemm kreditu pendenti;

Is-socjeta` attrici tissolleva wkoll b' aggravju illi gjaladarba l-konvenut zamm ghandu s-somma ta' Lm356.30, lilu indebitament imhallsa, huwa kien in *mala fede* u allura l-imghaxijiet kellhom jibdew jghaddu mid-data ta' meta huwa rceva dik is-somma;

Premessi dawn l-aggravi ta’ naha u ta’ ohra, ma jidherx li jezisti ebda kuntrast bejn il-kontendenti illi ghax-xorta ta’ kreditu pretiz mis-socjeta` attrici japplika l-perijodu preskrittiv ta’ hames snin stabbilit fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. Fil-ligi taghna l-preskrizzjoni hija ntrinsikament marbuta ma’ l-azzjoni [Artikolu 2107 (2), Kodici Civili] li, fil-kaz prezenti, giet intavolata fl-4 ta’ Settembru 2001. Jissokta, imbaghad, jigi dixxiplinat illi “l-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista’ tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta’ l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss” (Artikolu 2137, Kapitolu 16). Allaccjat ma’ din in-norma nsibu l-principju “*contra non valentem agere non currit praescriptio*”. Principju dan li jirriferixxi ghall-kawzi guridici mpeditivi ghall-ezercizzju ta’ l-azzjoni u mhux ghall-ostakoli ta’ fatt. Fi kliem iehor, “*ostacoli legali che impediscono al proprietario ed al creditore di agire, e non gia ancora all’ ignoranza dei proprii diritti*” (**Kollez. Vol. XXIV P I p 388**. Ara wkoll fl-istess sens **Kollez. Vol. XLIII P I p 518** u **Vol. XLIX P I p 500.**) Fil-kaz in ezami dan il-principju ma japplikax u fil-fatt lanqas ma tqajjem mis-socjeta` attrici appellata. Invece, l-istess socjeta` appellata tillimita ruhha biex topponi l-preskrizzjoni estintiva eccepita ghall-motivi minnha dedotti fl-appell incidentali taghha u li din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina;

<u>L-APPELL INCIDENTALI</u>

Jigi osservat, b’ introduzzjoni generali, illi l-kawzi li jiksru l-preskrizzjoni huma dawk imsemmija fl-Artikolu 2127 *et sequitur* tal-Kodici Civili. “L-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tista’ ssir jew bin-notifika ta’ att gudizzjarju (Artikolu 2128), jew bir-rikonoxximent tad-debitu (Artikolu 2133) jew anki b’ xi hlas akkont (Artikolu 2134)”. (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 544**);

Jinkombi fuq is-socjeta` attrici li tissodisfa l-ezistenza ta’ tali interruzzjoni. Jinsab a propozitu deciz illi “min

jeccepixxi l-interruzzjoni ta’ preskrizzjoni kellu jippruvaha. Jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta’ provi, allura l-konsegwenza m’ hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-atturi ma ssodisfawx lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni.” (**Kollez. Vol. XXX P I p 989**);

Isegwi minn dan illi l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni trid tkun proposta cara u diretta, b’ mod inekwivokabbli u manifestanti l-intenzjoni li tikkuntrasta l-eccezzjoni avversarja;

Huwa accettat illi s-socjeta` attrici ma pprezentat ebda att formali ghall-iskop tal-kostituzzjoni in mora tal-konvenut, debitur taghha. Hi invece tibbaza l-assunt taghha ta’ l-interruzzjoni fuq ir-rikonoxximent li tallega li kien hemm mill-konvenut tal-kreditu taghha. Irid jinghad illi, di regola, ir-rikonoxximent jestrinsika ruhu jew permezz ta’ xi dikjarazzjoni esplicita jew minn fatt li jimplika l-ammissjoni tal-kreditu. Ad ezempju, il-weghda tal-hlas, rikjesta ghal koncessjoni ta’ zmien ghal hlas, jew il-versament akkont;

Is-socjeta` attrici tiddeduci tali rikonoxximent sostanzjalment fuq il-bazi illi l-konvenut kien mar fl-ufficcini taghha biex jissalda l-kontijiet pendenti, u wkoll li dan ghamel hlasijiet akkont;

Huwa logiku illi wiehed irid jinterpreta din il-materja fil-kuntest tac-cirkostanzi rizultanti mill-provi processwali. Hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi ma jirrizulta xejn mill-provi illi tista’ tigi dezunta minnhom xi dikjarazzjoni jew atteggjament tal-konvenut inkompatibbli mal-volonta` tieghu li jiddiskonixxi l-pretiza tas-socjeta` attrici. Mill-provi ma jirrizultax precizament dak allegat mis-socjeta` assiguratrici in kwantu meta l-konvenut acceda fl-ufficcini taghha dan mar bil-hsieb li jikkancella l-poloz. Mhux talli ma hemm xejn x’ jindika li hu mar biex jissalda l-kontijiet talli, addirittura, dakinhar hu gie moghti *refund*. Hu

spjegat illi r-*refund* sar ghaliex gara li r-*renewal* saret f' Mejju 1999 u l-kancellament sar f' Lulju 1999. Ara xhieda ta' Elisio Fenech (fol. 47);

Rigwardata minn din l-ottika, il-preskrizzjoni eccepita ma tirrizultax li giet validament u guridikament sew kombattuta. Kif jinghad fid-decizjoni riportata a **Vol. XXXII P II p 342**, ir-rikonoxximent tad-debitu "ma jistax jigi vagament kongetturat, imma ghandu jirrizulta car". Din il-kjarezza ma tirrizultax inekwivokabilment esternata f' dan il-kaz;

Kwantu ghall-proposizzjoni tal-hlas akkont li gab l-interruzzjoni, is-socjeta` attrici titlaq mill-premessa, fil-hsieb tal-Qorti zbaljata, illi gjaladarba r-rapport negozjali kien wiehed *on going*, *ergo* l-kreditu kellu jitqies bhala wiehed unitarju. Ma' dan il-Qorti ma taqbelx. Fil-kazijiet ta' prestazzjonijiet perjodici - ezempju, kirjiet, nollijiet, *premia* - ghad-determinazzjoni tad-*dies a quo* dawn jippreskrivu ruhhom bl-gheluq ta' l-iskadenzi rispettivi. Fil-fehma tal-Qorti mhux ammess illi l-iskadenzi mhallsa jew insodisfatti jigu akkumunati komplessivament biex jaghtu kontenut ta' vinkolu obbligatorju unitarju u generali u b' hekk ikun jista' jinghad li l-hlasijiet li talvolta jsiru jitqiesu akkont ta' kreditu wiehed;

Riferibilment ghall-gravam dwar l-imghaxijiet li maghhom is-socjeta` attrici takkoppja l-*mala fede* fil-konvenut, mill-atti processwali ma tirrizulta ebda prova diretta jew indizjarja ta' l-allegat dolo fil-konvenut. Id-dolo ma jistax jikkonfigura ruhu fic-cirkostanzi *per se* li l-konvenut zamm ghandu hlas tas-somma ta' Lm356.30 li jinghad li sarlu indebitament. Il-*mala fede* trid tigi provata minn min jallegaha u trid per forza tirrizulta mill-fatti. Fil-kaz in ezami l-fatti ma jwasslux biex isostnu l-allegazzjoni u dippju ma ngiebet ebda prova serja, assodanti u konvincenti li tillegittima l-allegazzjoni. Anke allura dan l-aggravju tas-socjeta` attrici ma jimmerita ebda akkoljiment;

L-APPELL PRINCIPALI

M' hemmx dubju illi l-ewwel punt sottomess mill-konvenut appellant jisthoqqlu jigi milqugh billi d-dekorriment taz-zmien kien jikkolpixxi wkoll l-iskadenza tal-*premium* relattiva ghall-Awissu 1996. Oltre dan, kif fuq manifest, lanqas dwar din l-iskadenza ma gie sodisfacentement provat li kien hemm dak ir-rikonoxximent li jwassal ghal rinunzja tal-perijodu preskrittiv dwarha. Ghaldaqstant l-ammont kanonizzat bis-sentenza tat-Tribunal ghandu jonqos bis-somma ta' Lm103.55;

Minn naha l-ohra din il-Qorti ma tistax tilqa' s-sottomissjoni illi, una volta ma kienx hemm talba *ad hoc* ghar-rifuzjoni tal-hlas indebitu, allura t-Tribunal ma messux laqa' t-talba ghall-Lm356.30 li jinghad li kienet inghatat lilu bi zball. Ibda biex, fl-ewwel lok, huwa manifest mid-dispost ta' l-Artikolu 9 ta' l-Att V ta' l-1995 illi t-Tribunal mhux marbut bl-osservanza tal-formalita` u allura lanqas ma hu marbut bil-kawzali ta' l-avviz. Dan wara kollox hu hekk anke fil-kaz tal-Qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sedi inferjuri. Ara Artikolu 213, Kapitolu 12. Fit-tieni lok lanqas ma jidher li hu kaz li kien hemm xi tibdil tal-kawzali ghax wara kollox is-socjeta` assiguratrici attrici qed titlob il-hlas tal-premium ghall-iskadenza ta' l-1999 u tali hu dovut fl-intier tieghu (Lm457.69) billi ukoll ma jirrizultax kolpit bil-preskrizzjoni eccepita;

Kwantu ghall-gravam dwar l-akkollar ta' l-ispejjez gudizzjarji jibda biex jigi osservat illi kif drabi ohra ritenut, "*nulla osta in legge che la Corte d' Appello prenda cognizione del merito non per rivederlo ma unicamente per stabilire se, alla stregua della decisione non impugnata circa a tale merito, il capo delle spese sia stato ben definito*" (**Kollez. Vol. XXV P I p 793**);

Jirrizulta f' dan il-kaz illi s-socjeta` attrici talbet somma determinata u wisq superjuri minn dik effettivament minnha mirbuha bis-sentenza tat-Tribunal, kif ulterjorment

ridotta minn din il-Qorti. Jirrizulta wkoll illi l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni mill-konvenut giet in parte akkolta;

Din il-Qorti mhix allura sodisfatta bid-decizjoni tat-Tribunal li addossa l-ispejjez kollha fuq il-konvenut. Dan zgur li ma huwiex gust, aktar u aktar meta t-Tribunal ma forna ebda gustifikazzjoni l-ghala kien hekk iddecieda. Hu l-kaz allura li s-sentenza appellata tigi riformata fis-sens illi l-ispejjez jigu supportati skond ir-rispettiv rebh u telf tal-partijiet, konsiderat il-meritu tat-talba. B’ ekwita` u b’ mod approssimattiv din il-Qorti jidhrilha li l-ispejjez kellhom jitbatew nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad ghal kollox l-appell incidentali, tilqa’ in parte l-appell principali billi fl-ewwel lok tirreduci l-ammont kanonizzat ghal erba’ mija sebgha u hamsin lira Maltija, disgha u sittin centezmu (Lm457.69). Fit-tieni lok tilqa’ l-appell devolut lilha fir-rigward tal-kap ta’ l-ispejjez billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-konvenut gie kkundannat ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza u tordna li, invece, l-ispejjez ta’ l-ewwel istanza jithallsu nofs bin-nofs bejn il-kontendenti. L-ispejjez ta’ l-appell incidentali jibqghu a karigu tas-socjeta` attrici mentri dawk ta’ l-appell principali jithallsu terz mill-konvenut u zewg terzi mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------